MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-5 ta' Ġunju, 2003

**Paul GAMBINA għan-nom u in rappreżentanza tal-Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Marco u Sempronia Angela miżżewġin BARBARA**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-15 ta' Lulju, 1994, li bih il-Bank attur ippremetta:

Illi l-attur nomine jinsab kreditur tal-konvenuti Marco u Sempronia Angela miżżewġin Barbara fl-ammont ta' tlett elef, mitejn u sitta u sebgħin liri maltin, ħdax-il ċenteżmu u disa' milleżmi (Lm3,276.11,9) bilanċ għad-debitu fil-"Loan Account" ta' Marco Barbara mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "A") flimkien mal-imgħaxijiet ulterjuri mill-1 t'April 1994 sad-data tal-effettiv pagament;

Illi l-konvenuti ġew interpellati permezz ta' ittra uffiċjali datata 6 ta' Lulju 1994 hawn esebita u mmarkata Dok. "B" sabiex iħallsu d-dejn fuq imsemmi, iżda dawn baqgħu inadempjenti;

Għalhekk is-soċjeta' attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex għar-raġunijiet fuq imsemmija:

1. Tikkundanna lill-konvenuti flimkien u in solidum bejniethom, iħallsu lill-attur nomine is-somma ta' tlett elef mitejn u sitta u sebgħin liri maltin, ħdax-il ċenteżmu u disa' milleżmi (Lm3,276.11,9) bilanċ għad-debitu fil-"Loan Account" ta' Marco Barbara mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "A") flimkien mal-imgħaxijiet ulterjuri mill-1 t'April 1994 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjeż komprizi dawk tal-ittra uffiċjali datata 6 ta' Lulju 1994 u tal-Mandat ta' Sekwestru li kien ippreżentat fl-1 ta' Lulju 1994 u tal-Mandat ta' Impediment ta' Safar li qed jiġi ppreżentat kontestwalment kontra l-konvenuti li huma nġunti minn issa sabiex jidhru għas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-Bank attur, flimkien maż-żewġ (2) dokumenti mehmużin magħha;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ fil-21 ta' Novembru, 1994[1], li biha ntlaqgħet it-talba tal-Bank attur, bl-ispejjeż kontra l-imħarrkin;

Rat l-atti tal-Libell numru 6/95AJM imressaq fit-28 ta' Ġunju, 1995, mill-imħarrka Sempronia Anġela Barbara, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija talbet is-smigħ mill-ġdid tal-kawża;

Rat is-Sentenza ta' din il-Qorti (diversament presjeduta) tas-6 t'Ottubru, 1997, fl-atti tal-imsemmi Libell li biha, u għar-raġunijiet hemm imsemmija, laqgħet it-talba tal-libellanti Barbara u filwaqt li ħassret is-sentenza hawn fuq imsemmija, ordnat is-smigħ mill-ġdid tal-kawża;

---

[1] Paġġ. 11 sa 13 tal-proċess

Rat in-Nota mressqa fit-8 t'Ottubru, 1998, li biha l-imħarrka Sempronia Anġela Barbara eċċepiet:

Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

Illi d-dejn in kwistjoni ġie kontrattat minn Marco Barbara ad insaputa u mingħajr il-kunsens tal-konvenuta u għalhekk hija ma hiex responsabbli fuq dak id-dejn;

Illi hija tinsab legalment separata minn żewġha u fl-istess kuntratt ta' separazzjoni żewġha assuma r-responsabilita' sħiħa għad-djun kollha minnu inkorsi;

Illi inoltre fid-data li sar is-self il-konvenuta kienet ġia ottjenit ordni mill-Qorti taħt l-artikolu 470A tal-Kodiċi Ċivili li pprojbixxa kull self mir-ragel u anke għalhekk f'dan il-kuntest il-mara bl-ebda mod ma hija responsabbli għad-dejn;

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri

Rat illi l-imħarrek Marco Barbara, notifikat mill-ġdid bl-atti tal-kKawża u bl-Avviż tar-Ri-appuntament bil-mezz tal-pubblikazzjoni fil-Gażżetta tal-Gvern[2] u fil-ġurnali lokali[3], baqa' ma ressaq l-ebda eċċezzjoni fiż-żmien mogħti lilu mil-liġi, u lanqas qatt deher għall-kawża jew imqar kien rappreżentat kull meta ssejħet, u b'hekk baqa' kontumaċi;

Semgħet ix-xhieda tal-partijiet;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrka fl-24 ta' Jannar, 2001, flimkien mad-dokument mehmuż magħha[4];

[2] Fis-16.3.1999, f'paġ. 48 tal-proċess
[3] Fil-25 ta' Marzu, 1999, f'paġġ. 60 u 62 tal-proċess
[4] Paġġ. 84 sa 92 tal-proċess

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-Bank attur fl-24 t'April, 2001[5], bi tweġiba għal dik magħmula mill-imħarrka;

Rat l-atti kollha tal-kawża, magħduda magħhom l-atti u d-dokumenti mressqin fil-Libell għar-Ritrattazzjoni numru 6/95AJM;

Rat id-Degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-12 t'Ottubru, 2001, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

Rat id-Degriet tagħha (diversament presjeduta) tad-19 ta' Ġunju, 2002[6], li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, waqfet milli tgħaddi għas-sentenza u talbet li tingħata kjarifiki mill-partijiet u li jitressqu dokumenti;

Rat id-degriet tat-28 t'Ottubru, 2002, li bih din il-kawża ġiet mgħoddija għas-smigħ u trattazzjoni minn din il-Qorti kif komposta għad-19 ta' Frar, 2003;

Rat il-verbal tas-smigħ tad-19 ta' Frar, 2003, li fih l-avukat tal-Bank attur stqarr li l-imħarrkin kienu legalment separati u li seta' ngħata Degriet taħt l-artikolu 470A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta fiż-żmien li dak l-artikolu kien għadu fis-seħħ, imma li dawn il-fatti ma kinux jinfluwixxu fuq l-eżiġibilta' tad-dejn pretiż mill-Bank attur f'din il-kawża;

Rat id-Degriet tagħha tad-19 ta' Frar, 2003, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għall-ħlas lura ta' self magħmul mill-Bank attur;

Illi l-imħarrka tilqa' għal din it-talba billi tgħid li żewġha, l-imħarrek l-ieħor f'din il-kawża, issellef mingħand il-Bank minn wara daharha u bla ma kienet taf; minbarra dan, hija

[5] Paġġ. 95 sa 100 tal-proċess
[6] Paġġ. 105-6 tal-proċess

kienet mifruda legalment minn ma’ żewġha b’kuntratt li fih kien intrabat li jagħmel tajjeb waħdu għad-djun kollha li hun kien daħal għalihom; u li, meta sar id-dejn mal-Bank, kien inħareġ ordni minn Qorti taħt l-artikolu 470A tal-Kap 12 li ipprojbixxa l-għamil ta’ djun minn żewġha, u għalhekk hija meħlusa milli tagħmel tajjeb għal dak id-dejn;

Illi, kif ingħad, l-imħarrek baqa’ ma ressaq l-ebda difiża għat-talba li saret minnu, u dan kemm fl-ewwel okkażjoni li kienu nħarġu n-notifiki[7], u kif ukoll wara li kien ordnat is-smigħ mill-ġdid tal-kawża. Għall-kuntrarju, jirriżulta mix-xhieda mogħtija[8] li parti kbira mis-somma mitluba fl-Att taċ-Ċitazzjoni ġiet imħallsa lill-Bank attur bejn id-data li ngħatat is-sentenza f’Novembru tal-1994 u d-data meta ngħatat is-sentenza li ordnat is-smigħ mill-ġdid. L-imsemmi bilanċ, sal-aħħar ta’ Marzu tal-1999, kien niżel għal tmien mija u tmintax-il lira Maltija u tlieta u sittin ċenteżmu (Lm818.63), minbarra mgħaxijiet ulterjuri fuq l-imsemmija somma;

Illi mill-<u>fatti li jirriżultaw mill-atti tal-kawża</u>, joħroġ li l-fergħa tal-Bank attur tal-Gżira approvat self lill-imħarrek għas-somma ta’ tlitt elef u ħames mitt lira Maltija u tletin ċenteżmu (Lm3500.30), bir-rata tat-tmienja w nofs fil-mija (8.5%), fil-21 ta’ Jannar, 1991[9]. Għalkemm saru xi ħlasijiet, uħud minnhom b’arranġament ta’ *standing order*, il-kont ingħalaq f’Ġunju tal-1994, bl-ammont mitlub fiċ-Ċitazzjoni juri kemm kien l-ammont dovut lill-Bank. L-imħarrkin iżżewġu f’Mejju tal-1982. Fl-4 ta’ Marzu, 1994, huma nfirdu legalment u l-firda tagħhom hija regolata b’kuntratt ta’ separazzjoni personali tal-4 ta’ Marzu, 1994[10]. Il-kuntratt ta’ firda personali ġie insinwat fir-Reġistru Pubbliku fil-11 ta’ Marzu tal-istess sena. Fis-6 ta’ Lulju tal-1994, il-Bank attur talab lill-imħarrkin il-ħlas tal-ammont b’ittra uffiċjali[11]. Fil-15 ta’ Lulju, 1994, inbdiet din il-kawża;

---

[7] Paġġ. 8 *tergo* u 9 *tergo* tal-proċess
[8] Ara xhieda tal-P.L. Joseph Żammit 26.5.1999, f’paġġ. 65-6 tal-proċess
[9] Dok “A”, f’paġ. 6 tal-proċess
[10] Dok “A”, f’paġġ. 88 sa 92 tal-proċess
[11] Dok “B”, f’paġ. 5 tal-proċess

Illi għal dak li jirrigwarda l-aspetti legali marbutin ma' dan il-każ, irid jingħad minnufih li dawn iduru kollha kemm huma fuq il-kwestjoni jekk l-imħarrka għandhiex titqies marbuta bid-dejn li sar minn żewġha u li dwaru qiegħed jintalab mill-Bank attur il-ħlas tal-bilanċ. Dan għaliex ma jidhirx li saret xi kontestazzjoni bis-serjeta' dwar is-siwi tas-self fil-waqt li sar, u saħansitra l-imħarrek Marco Barbara xehed[12] billi stqarr li jaf li bis-self u li l-Bank attur kien għadu mhux imħallas. Min-naħa l-oħra, għalkemm l-imħarrka tiċħad it-talba attriċi fil-fatt u fid-dritt, fis-sewwa jrid jingħad li hija ma ressqet l-ebda prova li b'xi mod ixxejjen l-eżistenza jew is-siwi tas-self. Id-difiża tagħha kienet u baqgħet li hija m'għandhiex tagħmel tajjeb b'ġidha għal dak is-self;

Illi d-difiża tal-imħarrka, kif toħroġ min-Nota tal-Eċċezzjonijiet tagħha u mfissra aktar fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha, tinbena fuq tliet argumenti. Fl-ewwel lok, hija tisħaq li s-self mill-Bank sar lil żewġha u dan hu reġistrat fuq ismu biss. Fit-tieni lok, li l-komunjoni tal-akkwisti li kien hemm bejnha u żewġha nħallet mal-kuntratt tal-firda personali: għalhekk, jekk sar xi dejn li jgħabbi l-komunjoni, dan illum ma jistax jitfittex kontra ħwejjiġha, li huma parafernali. Fit-tielet lok, illi fil-kuntratt tal-firda żewġha kien intrabat li jagħmel tajjeb għad-djun li nħarġu f'ismu, u għalhekk il-Bank attur ma jistax idur fuqha għall-ħlas. B'saħħa ta' dawn l-argumenti hija tistrieħ fuq il-klawsoli 9 u 13(b) u (ċ) tal-kuntratt ta' firda personali;

Illi, min-naħa tiegħu, il-Bank attur iwarrab l-argumenti tal-imħarrka billi jgħid li ma jiswewx kontrih, l-aktar meta wieħed iqis l-ordni taż-żmien li fih seħħew il-ġrajjiet marbutin mal-każ. Fl-ewwel lok, huwa jgħid li l-imħarrek Marco Barbara kien miżżewwwġ meta ngħata s-self u dak iż-żmien, fl-1991, dejn li kien jagħmel ir-raġel bħala kap tal-komunjoni tal-akkwisti, kien jgħabbi lill-istess komunjoni. Bejn l-imħarrkin, kienet teżisti l-komunjoni tal-akkwisti. Is-self, għalhekk, għabba lill-istess komunjoni. Fit-tieni lok, il-bidliet li seħħew fil-liġi fl-1993 u li ħolqu t-

[12] 22.1.1997, ara atti Libell 6/95AJM, f'paġġ. 73-5

tmexxija flimkien tal-miżżewġin dwar il-komunjoni tal-akkwisti taw rimedji speċjali lil min, mill-miżżewġin li ma ngħatax parti f'xi att ta' amministrazzjoni straordinarja, seta' jwaqqa' dak l-att[13]. Il-Bank jgħid li minbarra li l-imħarrka naqset li tieħu dak ir-rimedju fiż-żmien mogħti lilha[14], il-liġi tagħmilha ċara li att li jsir b'dak il-mod m'huwiex null imma biss annullabbli. Fit-tielet lok, huwa jqis il-kuntratt tal-firda personali bejn l-imħarrkin miżżewġin Barbara, u b'mod partikolari l-arranġamenti dwar il-ħlas tad-djun u r-responsabbilta' dwarhom, bħala fatt li jorbot lilhom biss u ma jistax ikun ta' ħsara għall-jeddijiet tiegħu bħala kreditur[15];

Illi, wara li l-Qorti qieset sewwa l-argumenti taż-żewġ naħat, u meta qieset ukoll il-fatti kollha, b'mod partikolari dak mnejn jirriżulta li għalkemm il-miżżewġin Barbara xoljew il-komunjoni tal-akkwisti minn dak inhar li saret il-firda, ma illikwidawx l-assi komunitarju kollu, hija tasal biex ixxaqleb lejn il-fehma tal-Bank attur. Il-Qorti m'għandhiex għaliex ma temminx lill-imħarrka li tgħid li ma kienet taf b'xejn bis-self li ngħata lil żewġha; lanqas ma għandu għaliex jiġi dubitat li saret taf b'tali dejn mill-avukat tagħha wara li kienet ingħatat is-sentenza mill-Qorti tal-Kummerċ. Imma dan, fil-fehma meqjusa tal-Qorti, ma jibdel xejn mill-effetti legali li seħħew awtomatikament mal-għoti tas-self lil żewġha, fiż-żmien li tali self seħħ;

Illi l-Qorti jkollha tqis iż-żmien meta sar is-self bħala dak li fih tnisslet l-obbligazzjoni. Fiż-żmien li tnisslet l-obbligazzjoni, is-self magħmul mir-raġel kien jgħabbi lill-komunjoni tal-akkwisti, u l-mara ma kien ikollha l-ebda għażla jekk dak is-self ikunx sar bi qbil magħha jew minn wara daharha. Sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti kien jitgħabba wkoll b'dak id-dejn. Jista' jkun minnu wkoll - u x'aktarx hekk hu - li l-Bank attur mexxa kontra l-imħarrkin wara li sar jaf li nfirdu legalment: imma dan ukoll ma jibdel xejn mill-qagħda legali li irriżultat bl-għoti tas-self lill-imħarrek fil-waqt li kienet għadha fis-seħħ il-komunjoni tal-akkwisti. Bis-simpatija kollha li l-Qorti ssib mal-imħarrka

13 Art 1326(1) tal-Kap 16
14 Artt. 1326(2) u (3) tal-Kap 16
15 Art. 1001 tal-Kap 16

f'qagħda bħal din, ma tistax ma tqisx ukoll l-implikazzjonijiet ħarxa tal-verita' legali li kienet titnissel minn fatt bħal dan. Kien sewwasew l-għarfien ta' dan il-fatt li wassal lil-leġislatur biex, wara tant żmien, jintebah bil-ħtieġa li jindirizza l-qagħda billi jibdel il-liġi, kif fil-fatt sar;

Illi dan l-istat ġuridiku ngħata għarfien u tifsira mill-Qrati tagħna f'għadd ta' drabi, u dan taħt is-saħħa tal-prinċipju li, kif kien regolat is-sistema tal-komunjoni tal-akkwisti qabel l-1993, kienet tapplika l-massima li, għal dak li għandu x'jaqsam mat-tmexxija tal-ġid, ir-raġel *vivit ut dominus moritur ut socius*[16]. Minbarra dan, ir-rabta ta' għemejjel ta' tmexxija mwettqa mir-raġel qabel daħlu fis-seħħ il-bidliet fil-liġi kienet tapplika wkoll għal teħid b'self jew f'forom oħra mingħand istituzzjonijiet finanzjarji, u f'dan il-każ tali self kien jgħabbi lill-komunjoni tal-akkwisti, wkoll jekk il-mara ma tkunx ħadet sehem fin-negozjati dwar l-istess self[17];

Illi, b'żieda ma' dan, irid jingħad ukoll li kontra l-argumenti mressqa mill-imħarrka, il-liġi nnifisha tipprovdi mod ieħor minn dak li l-imħarrka tippretendi li għandu jsir. Kemm hu hekk, il-Qorti tqis li l-liġi tagħmilha ċara li l-bidliet li seħħew fil-Kodiċi Ċivili fl-1993 ma jolqtu bl-ebda mod is-siwi tal-ebda obbligazzjoni magħmula f'isem il-komunjoni tal-akkwisti f'xi jum qabel daħlu fis-seħħ dawk il-bidliet[18], bħalma lanqas jolqtu kull responsabbilta' fuq il-komunjoni li tkun hekk tnisslet, wara li jkunu daħlu fis-seħħ dawk il-bidliet. Il-bidliet daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru tal-1993. Il-liġi tgħid ukoll li fejn, qabel il-bidliet fil-liġi, mara ma kinitx parti għal kuntratt li nissel dejn fuq il-komunjoni tal-akkwisti, hija tkun marbuta biss sa sehemha mill-istess komunjoni[19];

Illi, fil-fehma tal-Qorti, dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet partikolari mhux talli ma jwarrbux minn fuq l-imħarrka d-

[16] Ara, per eżempju, P.A. TM **3.10.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Avukat Reno Borġ noe vs Joseph Borġ et***
[17] Ara, per eżempju, P.A. RCP **29.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***HSBC Bank Malta plc vs Teg Industries Ltd. et***
[18] Art. 89(1)(b) tal-Att XXI tal-1993, li hija l-klawsola transitorja li tħares l-effetti tal-artikoli l-ġodda li ddaħħlu bl-Att
[19] Art. 89(7) tal-Att XXI tal-1993

dmir tagħha li taqsam ir-responsabbilta' ma' żewġha dwar id-dejn li huwa għamel, talli jagħmluha ċara li dik l-obbligazzjoni tagħmel tajjeb bis-sehem tagħha mill-ġid komunitarju. Ma' dawn id-dispożizzjonijiet wieħed irid jara wkoll li l-liġi żżid tgħid li fejn il-ġid tal-komunjoni ma jkunx biżżejjed biex jagħmel tajjeb għall-ħlas tad-djun li jkunu piż fuqhom, ikun miftuħ għall-kreditur tal-komunjoni li jdur fuq il-ġid partikolari tal-miżżewġin[20] sabiex jitħallas;

Illi mbagħad, dwar l-argument imressaq mill-imħarrka li s-self ma messux sar għaliex kien inħareġ ordni (Mandat) mill-Qorti taħt l-artikolu 470A tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili, irid jingħad li ma tressqet l-ebda prova li tali ordni nħareġ qabel Jannar tal-1991, meta ngħata s-self lill-imħarrek. Fi kwalunkwe każ, il-kisba ta' ordni bħal dak fuq talba tagħha wara li jkun ingħata s-self ma jwaqqax l-istess obbligazzjoni[21]. Huwa daqstant ieħor aċċertat li ordni bħal dak (sakemm dam fis-seħħ l-artikolu 470A qabel tneħħa bil-bidliet li daħlu fil-liġi proċedurali fl-1995) kien jgħodd biss matul iż-żmien li jkunu għaddejjin proċeduri għal firda personali bejn il-partijiet;

Illi jibqa' biss li wieħed iqis l-effett tal-kuntratt tal-firda personali tal-imħarrkin miżżewġin Barbara fil-konfront tal-Bank attur bħala kreditur tal-komunjoni. Huwa minnu li kuntratt ta' firda personali jsir fl-għamla ta' att nutarili pubbliku, taħt l-awtorita' tal-Qorti. Bħala att nutarili, dan irid jiġi insinwat fir-Reġistru Pubbliku. Dan il-pass iservi ta' għarfien għat-terzi li magħhom il-miżżewġin li jkunu qegħdin jinfirdu jistgħu jikkuntrattaw. Madankollu, għal dawk it-terzi persuni (x'aktarx kredituri) li magħhom il-miżżewġin (jew min minnhom) ikunu diġa' daħlu f'xi rabta kuntrattwali qabel ma ssir il-firda, l-arranġamenti li jsiru fl-att tal-firda ma jorbtuhomx bi ħsara għal jeddijiethom. Dan jingħad fid-dawl tal-prinċipju ġenerali tal-effetti tal-kuntratti kif imfissrin fil-Kodiċi Ċivili, u wkoll fid-dawl tal-fatt li l-bidliet li seħħew fil-Kodiċi Ċivili fl-1993 kienu maħsuba b'tali mod li t-tmexxija 'l quddiem tal-jeddijiet patrimonjali ndaqs bejn il-miżżewġin ma kellhiex tkun mezz kif

[20] Art. 1330 tal-Kap 16
[21] Ara. App. Ċiv. **6.10.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Portelli vs Aġius et*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.ii.275**)

jiddgħajfu l-jeddijiet tat-terzi persuni li magħhom ikunu ntrabtu jew li lejhom ikunu obbligati;

Illi għalhekk, fil-każ partikolari, minkejja l-kliem ċar tal-klawsola 13(b) tal-kuntratt ta' firda personali li fiha r-raġel intrabat li jibqa' "esklussivament responsabbli għal kull dejn li jolqot il-komunjoni tal-akkwisti tal-konjuġi Barbara", dan l-arranġament ma jistax iservi ta' ħsara għall-Bank attur dwar il-kreditu li kien dovut lilu qabel ma ġie ippubblikat dak il-kuntratt;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

Filwaqt li **tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha** tal-imħarrka billi la jirriżultaw imsejsin fil-fatt u lanqas fil-liġi;

U fil-kontumaċja tal-imħarrek l-ieħor;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrkin miżżewġin Barbara, flimkien u in solidum bejniethom, iħallsu lill-Bank attur is-somma ta' tmien mija u tmintax-il lira Maltija u tlieta u sittin ċenteżmu (Lm 818.63), flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmi ammont b'effett mill-1 t'April, 1997, sal-jum tal-ħlas effettiv; u

**Tikkundanna** lill-istess imħarrkin iħallsu l-ispejjeż kollha tal-kawża.

**Moqrija**

--------------------------------TMIEM--------------------------------